MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 57/2007/1

**Anne Marie Galea Naudi**

**vs**

**Juan Carlos Galea Naudi**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Jannar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm423.80c) u dan billi ppremettiet li l-partijiet huma separati b'kuntratt ta' l-14 ta' Dicembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Doctor Joseph Tabone. Illi skond dan il-kuntratt il-konvenut huwa obbligat

ihallas nofs l-ispejjez ta' *respite care* ghat-tifla Tara Ann li ghandha bzonnijiet specjali u dan skond Klawsola 5A ta' l-istess kuntratt.  Illi l-konvenut naqas milli jhallas sehmu minn dawn l-ispejjez u li ghalhekk kellha thallashom l-attrici.

Peress illi l-ammont dovut sal-ahhar ta' Dicembru 2006 huwa ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm423.80c) u ghalhekk talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dan l-ammont.

Illi l-konvenut wiegeb illi:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza *ratione materiae* ta' dan l-Onorabbli Tribunal anki ghaliex, fid-determinazzjoni tat-talba attrici, dan it-Tribunal ikun kostrett li jinvestiga materji li bil-ligi jaqghu fil-mansjonijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

2. Fil-mertu, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ma kienx hemm gusta kawza ghall-inkorriment ta' dawn l-ispejjez u lanqas ma kien hemm talba lill-eccipjent biex izomm hu lil Tara Ann fil-granet li din ittiehdet fir-*respite centre* mill-attrici.

3. Bla pregudizzju ghas-suespost, anki a bazi ta' ekwita' t-talba attrici mhix gustifikata u ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet illi sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi f'kull kaz it-talba attrici hija eccessiva u esagerata.

5. Illi t-talba ghall-kundanna tal-hlas ta' l-ispejjez kemm ta' din il-procedura u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ghandha tigi respinta stante illi qabel il-prezentata ta' tali proceduri gudizzjarji l-attrici naqset milli tinterpella lill-eccipjent biex ihallas jew jaghti

garanzija ghall-hlas (cirkostanzi li fir-realta' jaghtu lok anki ghall-proceduri a tenur ta' l-Artikoli 836, 838 u 838A tal-Kap. 12, liema proceduri l-eccipjent qed biss jirriserva u mhux jistitwixxi f'dan l-istadju fi sforz biex ma jinkrimentax l-ispejjez inutilment).

Sema' x-xhieda ta' Anne Marie Galea Naudi, Harry Fenech, Natasha Vella, Anthony Galea, Mary Hohmann, Remigio Zammit, Fleur Sciberras, Stephanie Grima, Maria Theresa Busuttil, Anton Vella u ta' Juan Carlos Galea Naudi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Raymond Zammit ghall-attrici u ta' Dr Chris Cilia ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet ghandhom tifla li jisimha Tara Ann li ghandha bzonnijiet specjali. Dakinhar tal-kuntratt kellha tmintax-il sena. Jirrizulta wkoll illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt ta' l-14 ta' Dicembru, 2004 u skond dan il-kuntratt, fil-klawsola 5A hemm stipulat is-segwenti:

"a. Tara Ann shall reside with her mother in the residence of her mother, but where the mother deems it fit she shall have the option to leave Tara Ann in the care of a respite centre of her choice. In the event that the wife should feel that the child is to be left in the care of a residential home for an indefinite period then such decision is to be taken jointly with the husband and where no agreement is reached the matter shall be decided by the competent court. Expenses incurred for respite care or alternative care and assistance shall be borne equally by the parties in the event that neither one of the parties, for just cause, is

available to give such care and assistance to Tara Ann."

Fil-Klawsola 5A fuq imsemmija jidher car li l-partijiet ghamlu differenza bejn *respite care* u *alternative care and assistance*. Fiz-zewg kazijiet pero' l-partijiet ftehmu illi l-ispejjez relattivi kemm ghar-*respite care* kif ukoll ghall-*alternative care and assistance* jkunu sopportati mit-tnejn li huma f'sehem indaqs bejniethom f'dawk il-kazijiet fejn "***neither one of the parties, for just cause, is available to give such care and assistance***".

Illi ghalhekk il-vertenza li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi huwa jekk l-ammont mitlub mill-attrici jinkwadrax ruhu f'dawk il-kazijiet fejn l-ispiza ghar-*respite care* ghandha tigi sopportata ugwalment bejn iz-zewg partijiet skond din il-Klawsola. Skond il-kuntratt jidher car illi d-decizjoni jekk Tara Ann ghandhiex tmur *respite centre* jew le hija ghad-diskrezzjoni ta' l-omm. Fil-fatt il-kuntratt jghid "*she shall have the option to leave Tara Ann in the care of a respite centre of her choice*". Pero' mbaghad hemm kundizzjoni li dan ikun il-kaz jekk ir-ragel, ghall-gusta kawza, ma jkunx jista' jaghti tali kura u assistenza.

Il-kitba ta' din il-Klawsola m'hi felici xejn u dan billi jidher li l-partijiet ippruvaw jghidu hafna affarijiet f'salt. Donnu l-intendiment kien:

i. L-omm izzomm lil Tara Ann maghha.
ii. Meta l-omm thoss li ghandha bzonn assistenza ghandha l-ewwel issaqsi lir-ragel jistax jghin.
iii. Id-decizjoni biex tibghat lil Tara Ann ghar-*respite care* hija fid-diskrezzjoni ta' l-omm.
iv. Jekk ir-ragel ma jaccettax u jkollu *just cause* biex jirrifjuta u l-mara tiehu lil Tara ghar-*respite care*, l-ispiza tinqasam bin-nofs.
v. Jekk ir-ragel ma jaccettax u ma jkollux *just cause* biex jirrifjuta l-kuntratt ma jghidx x'jigri jekk

il-mara tiehu t-tifla ghar-*respite care* pero', t-Tribunal jidhirlu li daqstant kemm ghandu jhallas nofs l-ispiza meta jkollu skuzanti valida biex ma jzommx lil Tara Ann mieghu *multo magis* ghandu jhallas ukoll jekk ma jkollux tali skuzanti.

Jidher evidenti illi qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, Tara Ann kienet gja' qed tittiehed *respite centre* izda mhux fl-istess intensita' li jirrizulta li kien hemm fil-mertu ta' dawn il-proceduri.

Matul is-sena qabel iz-zmien mertu tal-kawza, fuq talba ta' l-attrici, r-ragel accetta li jzomm lil Tara Ann mieghu fil-weekends (mill-Gimgha sal-Hadd). Dan baqa' jsir ghall-zmien sena izda gara li r-ragel ma riedx ikompli jzomm lil Tara Ann kull weekend u ghalhekk ftehmu li jzommha biss fil-weekends alternattivi.

Gara pero' li fil-weekend li Tara Ann tkun tmiss lill-attrici, minflok ma zzommha maghha, kienet tehodha *respite care*.

F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob is-somma ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm423.80c) u cjoe' nofs l-ammont ta' tmien mija u sebgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm847.59c) kif indikat fid-dettal fil-prospett a fol 2 tal-process. Minn dan l-ammont ta' tmien mija u sebgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm847.59c), mitt lira Maltin (Lm100) jirrisalu ghas-sena 2005 li skond id-dokument a fol 3 tal-process jidher illi l-attrici hallset aktar milli kien hallas il-konvenut ghar-*respite*.

Illi ghalhekk, bejn Jannar 2006 u t-18 ta' Dicembru, 2006 kien hemm kont totali ta' seba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm747.59c) ghar-*respite care*.

Ghal dak li jirrigwarda l-kont relattiv ghas-sena 2005 it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li l-konvenut ghandu jhallas nofsu u dan billi ghalkemm jirrizulta li l-konvenut hallas ghal xi *respite care*, ma hallasx in-nofs kollu li kien imputabbli ghalih.

Ghar-rigward tal-kont relattiv tal-2006 it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici ssodisfatt il-kweziti tal-kuntratt ta' separazzjoni biex b'hekk hija ntitolata titlob nofshom minghand il-konvenut. Huwa evidenti li l-attrici kienet qed thoss il-piz u riedet li almenu fil-weekends ikollha *break.* Diment li l-konvenut kien qed izommha hu fil-weekends, ir-*respite care* ma tantx kien ikun ta' spiss.

Pero' meta l-konvenut ma baqax izomm lil Tara Ann kull weekend u accetta li jzommha *on alternate weekends*, dan kien ifisser li l-attrici jkollha break kull tnax-il gurnata. It-Tribunal jifhem li minhabba l-intensita' tal-bzonnijiet tat-tifla, l-omm tkun intitolata ghall-breaks partikolarment billi l-omm tahdem u certament hi wkoll ghandha dritt ghall-hin ta' mistrieh u rilassament.

Il-konvenut ipprova jargumenta li d-decizjoni ta' l-attrici biex tibghat lil Tara Ann ghar-*respite* kienet wahda arbitrarja izda dan l-argument ma kkonvinciex lit-Tribunal. It-Tribunal huwa konvint li z-zewg partijiet ghandhom l-interessi ta' Tara Ann ghal qalbhom u forsi dan wassal biex il-konvenut ikun iktar emozzjonat billi hass li ma kiex qed jigi kkonsultat bizzejjed. Li hemm "history" bejn il-partijiet huwa evidenti u t-Tribunal seta' jinnota dan mill-komportament tal-partijiet li ghalkemm uzaw hafna *self-restraint* u kkomportaw ruhhom sew f'kaz li certament jevoka l-emozzjonijiet, kien hemm *momentary lapses* li kienu jikxfu *undercurrants* emozzjonali qawwija – *undercurrants* li forsi zammew lill-partijiet milli verament jifhmu dak li qed jippruvaw jghidu lil xulxin.

> Riflessjoni ohra li xtaq jaghmel it-Tribunal hija li ghalkemm sejjer jikkonkludi sabiex jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, l-konvenut seta' kien gustifikat ihoss li l-attrici qed tipprova twarrbu minn decizjonijiet importanti li jaffettwaw lil Tara Ann. Mill-banda l-wahda ghandna sitwazzjoni fejn l-omm hija forsi iktar pronta tiehu certi decizjonijiet u mill-banda l-ohra ghandna ragel li jhoss li mhux qed jigi kkonsultat jew mhux qed jinghata opportunita' li jaghti l-veduti tieghu u jigi pprezentat b'*fait akkompli*. Ir-rifjut da parti tieghu biex ihallas l-ammont mitlub donnu kien iktar f'sens ta' "stand" biex jibghat messagg lill-mara biex tinvolvieh iktar fid-decizjonijiet fir-rigward ta' Tara Ann. Il-fatt li kien biss waqt il-kawza, meta xehdu rapprezentanti ta' Dar il-Providenza, li sar jaf li Tara Ann kienet giet registrata biex tidhol hemm fuq bazi indefenit jitkellem wahdu. Certament hemm *lack of communication* li jista' jkun gej ukoll minhabba l-fatt li certi decizjonijiet ma jistghux jistennew u t-Tribunal ma jiddubitax il-*buona fede* ta' l-attrici.
>
> Illi ghalhekk it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha.
>
> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disa' mija u sebgha u tmenin Euro u dsatax-il Euro cent (€987.19) - (Lm423.80c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.**"**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'zewg aggravji, il-wiehed procedurali u l-iehor fil-mertu. Dak procedurali hu maghmul jikkonsisti fl-ilment illi t-Tribunal naqas milli jokkupa ruhu u jiddeciedi l-eccezzjoni tieghu ta' l-inkompetenza *ratione materiae*. Dak fil-mertu hu minnu bazat principalment fuq is-sottomissjoni illi l-attrici kienet taqbad u tibghat lil bint komuni, bi bzonnijiet specjali

f'*respite centre* minghajr ma preventivament tikkonsultah, u li, inoltre, dan kienet hekk taghmlu minghajr "*just cause*";

Fuq l-aggravju procedurali u dik tan-nullita` tas-sentenza invokata minnu ghal dik ir-raguni, l-appellanti jirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 li *inter alia* jipprovdi li l-eccezzjoni ta' inkompentenza ghandha tigi deciza b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fil-mertu. Fir-risposta ta' l-appell taghha l-attrici tikkontestalu dan bl-argoment illi la l-Kapitolu 380, krejatur tat-Tribunal adit, ma jsemmix *expressis* l-applikabilita` tal-precitat dispost tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili allura l-istess ma kienx applikabbli u t-Tribunal ma kienx marbut bih;

Din il-Qorti tistqarr illi ma taqbel xejn ma' l-argoment propunjat mill-appellata. Huwa veru li l-Att V ta' l-1995 jahseb ghal proceduri sommarji, bl-anqas formalita possibbli, u ghar-regolamentazzjoni tal-procedimenti mill-gudikatur. Dan, pero`, ma jfisserx illi dawk l-istess procedimenti ma kellhomx, fil-minimu, jkunu dixxiplinati ghall-iskop ta' sikurezza processwali minn normi procedurali generali fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Lanqas ma jista' jitqies guridikament lecitu illi ghal dawk l-istess ragunijiet it-Tribunal hu liberu li jinjora l-eccezzjonijiet li jitressqu quddiemu. In partikolari, imbaghad, bhal ma hu proprju l-kaz in ezami, eccezzjoni li timplika li l-kwestjoni ventilata quddiem it-Tribunal kienet taqa' barra mill-gurisdizzjoni tieghu, ghax allura l-istess Artikolu 7 (2) (a) tal-Kapitolu 380 jigi rez stultifikanti u bla skop;

Taht dan il-profil mhix infondata l-eccezzjoni opposta mill-appellanti tan-nullita` tas-sentenza, anke ghaliex dik is-sentenza, ghal dak in-nuqqas, mhix lanqas salvabbli bid-dispost ta' l-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12. Il-Qorti qeghda konsegwentement tannulla s-sentenza appellata b'dan illi, bis-sahha ta' l-Artikolu 8 (4) ta' l-Att, ser tghaddi biex hi stess tinvesti t-talba promossa u l-eccezzjonijiet ghaliha;

Certament, l-ewwel aspett li jokkorri li jigi ezaminat hu dak jekk l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata hijiex, o meno, gustifikata;

Inkontrovertibilment, il-vertenza introdotta mill-attrici quddiem it-Tribunal hi wahda konnessa ma' l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut bil-kuntratt ta' separazzjoni datat 14 ta' Ottubru, 2004, relattiva ghal kontribuzzjoni minnu ta' nofs l-ispiza inkorsa f'*respite care* ghal bint komuni. Hi regola procedurali illi ghal fini tal-konfigurabilita` tal-kompetenza minhabba l-materja wiehed ghandu jiehu qies ghall-oggett tat-talba. F'dan il-kaz, talba ghall-hlas ta' somma ta' flus ghar-raguni gja pprecizata. In kwantu tali, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380, talba bhal din, innegabilment u b'mod radikali, tirrientra fl-ambitu tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit. Minn din l-ottika l-eccezzjoni ma setghetx timporta l-eskluzjoni tal-kompetenza tat-Tribunal;

Hi, b'danakollu, is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi ghad-determinazzjoni tat-talba kif koncepita mill-attrici, il-*forum destinatae solutionis* ma kellux ikun it-Tribunal izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Ghal dan, l-appellanti ma jipprovdi ebda motiv jew minimu spjegazzjoni l-ghala f'dan il-kaz hu jindividwa dik il-kompetenza diversa tal-Qorti minnu msemmija ghas-sottrazzjoni tal-kontroversja minn quddiem it-Tribunal adit. Certament, prospettazzjoni astratta ta' xi kompetenza diversa ma tista' qatt tkun accettabbli minghajr bazi ta' kriterju jew kriterji razzjonali li juru, b'mod konvincenti, l-ghala l-kompetenza maghzula mill-attrici hi hekk inkompatibbli ma' l-oggett tad-domanda u tal-fatti migjuba a fondament taghha;

Mhux biss dan mhux accettabbli izda jkollu jinghad ukoll illi dik l-istess eccezzjoni, fir-realta` tal-vicenda processwali, lanqas ma hi sostenibbli. Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li

ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha *in corso*, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "**Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia**", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn is-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt, ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi qorti ohra. L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza qeghda, ghaldaqstant, tigi rigettata;

Dwar il-mertu tat-talba, jidher mill-materjal probatorju illi r-rezistenza da parti tal-konvenut ghall-versament minnu ta' sehmu ghall-ispiza tar-*respite centre* hi bazata fuq zewg konsiderazzjonijiet. Il-wahda, li l-attrici martu ma kienetx tikkonsulta mieghu. L-ohra, illi hu ma deherlux li kien sewwa u gust illi jikkontribwixxi ghal dik l-istess spiza meta suppost martu kellha tiehu hsiebha hi fil-*weekend* li kien imiss lilha. Ara deposizzjoni tal-konvenut a fol. 103 *et sequitur*;

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tistax ma tirriflettix fuq il-fatt illi l-attrici kienet dik fost il-kontendenti maggorment mghobbija bil-piz li trid tiehu kura kostanti tal-bint komuni bi bzonnijiet specjali. Kura din li ma setghetx fl-istess waqt ma tkunx ukoll wahda intensa, generattiva ta' attenzjoni u ta' pre-okkupazzjoni kontinwa.

Il-Qorti tifhem li l-attrici kellha bzonn ukoll l-izvog taghha fil-*weekends*. Taqbel, allura, illi l-ispiza inkorsa kienet dettata minn dik ir-raguni ta' l-esigenzi tal-htigijiet taghha. Fiz-zgur, ma taqbelx illi l-appellanti, li assuma r-responsabilita` li jaffronta dik l-ispiza bin-nofs, ghandu jkun gustifikat li jhossu mehlus minn dik l-obbligazzjoni kontrattwali bl-iskuza li martu ma kkonsultatux, anke jekk thoss li l-attrici hekk, doverosament, kellha taghmel;

Fid-decizjoni fl-ismijiet "**Miriam Camenzuli -vs- Joseph Camenzuli**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' April, 1994, per Imhallef Joseph Said Pullicino, konfermata in sede Appell fis-26 ta' Gunju, 1997, trattasi wkoll ta' insorgenza ta' kwestjoni konsimili, anke jekk b'fattispeci differenti, dik il-Qorti kellha dan xi tghid:-

"Il-konvenut jista' jkollu ragun dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni. Hu ovvju li hu fl-interess kemm tal-kontendenti kif ukoll u aktar ta' binhom minuri li jikkoltivaw, jekk possibbli, metodu ta' konsultazzjoni u djalogu fuq materja, jew materji, li jolqtu lill-minuri bil-ghan li jonqsu d-dizgwid u d-differenzi bejniethom. Dan hu awspikabbli. Mill-banda l-ohra, pero`, dak li hu ragjonevoli u generalment accettat bhala spiza utli u necessarja inkorsa fl-edukazzjoni ta' l-ulied ghandu, skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali, jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut."

Il-Qorti pjenament tikkondividi dan il-hsieb fis-silta appena riprodotta, u ma tarax ghaliex dan m'ghandux japplika ugwalment ghall-fattispeci tal-kaz in disamina.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju sottopost mill-konvenut appellanti tan-nullita tas-sentenza ghal fatt li t-Tribunal naqas milli jokkupa ruhu mill-eccezzjoni ta' l-inkompetenza. Fit-tieni lok u bl-adoperu ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 din il-Qorti, filwaqt li ghar-ragunijiet moghtija superjorment tichad dik l-istess eccezzjoni ta' inkompetenza, takkolji fil-mertu d-domanda ta' l-attrici appellata u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jivversa lill-

attrici appellata s-somma mitluba fl-Avviz ta’ erba’ mija tletin u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm423.80), ekwivalenti ghal disa’ mija sebgha u tmenin euro u dsatax-il centezmu (€987.19), bl-interessi kif mitlub.  L-ispejjez gudizzjarji ta’ din il-procedura jibqghu sopportabbli mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------